MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 266/2006

Il-Pulizija
(Spt. Raymond Aquilina)

Vs.

**Sigismondo Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sigismondo Mifsud talli fix-xhur ta’ Marzu 2006 u April 2006, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizuluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil martu Salvina Mifsud.

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Sigismondo Mifsud hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant kkundannatu ghal terminu ta' detenzjoni ghal-zmien xahrejn (2), wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9.**

**Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Sigismondo Mifsud pprezentat fl-24 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-appellant.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet ix-xhieda ta' Salvina Mifsud.**

**Rat illi l-appellant *seduta stante* hallas lill-martu s-somma ta' tlett mija w ghoxrin lira Maltin (LM320) ghas-saldu tal-arretrati kollha tal-manteniment dovuti sal-lum.**

**Rat il-verbal li bih l-istess Salvina Mifsud iddikjarat li in vista ta' dan il-pagament hi ma kienitx qed tinsisti aktar fuq il-piena karcerarja.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni, fic-cirkostanzi, irrimetta ruhu.**

**Rat il-verbal li bih l-appellant impenja ruhu li, sakemm ma jkunx hemm varjazzjoni fid-digriet tal-alimenti numru 5/1998, hu ghandu jhallas lill-martu tramite l-Avukat tieghu mhux aktar tard mit-tnax il-jum ta' kull xahar – l-ewwel skadenza fit-12 ta' Novembru, 2006 – is-somma li tkun tekwivari ghal tletin lira fil-gimgha**

**(LM30) multiplikati bin-numru ta' gimghat li jkun hemm f'kull xahar partikolari.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti l-iskop tal-legislatur meta introduca din id-dispozizzjoni tal-ligi xi snin ilu ma kienx biss dak li jippunixxi lill-hati ghal ksur tal-ordnijiet tal-Qrati jew ta' xi obbligu assunt b'xi att notarili li jkun gie approvat mill-Qrati – ordnijiet u obbligi li ghandhom jigu dejjem skrupolozament osservati – imma wkoll li jezercita pressjoni fuq pagaturi rilutanti biex iwettqu l-obbligi taghhom bil-hlas tal-ammonti dovuti. (Ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Publius Said" u ohrajn).

Illi dan il-ghan f'dan il-kaz issa ntlahaq fil-mori ta' dan l-appell bil-hlas ta' l-arretrati kollha dovuti sal-lum kif ukoll bl-impenn assult mill-appellant bil-verbal fuq imsemmi.

**Ghalhekk jidher li hemm lok ghal temperament fil-piena erogata.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' xahrejn detenzjoni u minflok, tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrina lira Maltin (LM25) li trid tithallas illum stess, u fin-nuqqas tigi konvertita f'hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------